MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1206/1999/1

**Citazzjoni numru 1206/99GC**
**Jet-Tech Limited**

**vs**
**Charmaine Costa**

Il-Qorti
Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-Illi is-socjeta attrici hija kreditrici tal-konvenuta fis-somma ta' sitt elef liri maltin (Lm6000) valur ta' kambjala skaduta fit-tlettax ta' Mejju, l999 li kopja taghha qed giet annessa bhala dokument "A";

Illi ghalkemm mitluba biex thallas il-konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini ta' l-artikolu l67 sa l70 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta attrici il-konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont, u s-socjeta attrici qeghda tannetti affidavit immarkat dokument "B" a tenur ta' l-istess Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuta tghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex :-

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli l67 sa l70 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni uProcedura Civili; u
2. tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' sitt elef liri maltin (Lm6,000) dovuta kif intqal fuq;
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandati ta' qbid u sekwestru datati l3 ta' Mejju,l999 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta;
Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn gie eccepit :-

1. Fl-ewwel lok illi l-kumpanija attrici hija registrata bhala Jet-Tech Limited kif tidher fic-citazzjoni filwaqt li l-kambjala li giet esebita tindika isem differenti fil-kitba tieghu u ghalhekk ma hemmx l-identita mehtiega;

2. Fit-tieni lok illi hija lesta li tipprova minghajr pregudizzju ghal-premess illi d-dokument A esebit mac-citazzjoni gie iffirmat taht pressjoni u qerq prattikat minn Steven Mason li halef id-dikjarazzjoni mac-citazzjoni;

3. Fit-tielet lok hija mhix debitrici tal-ammont indikat fid-dokument hawn, salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Frar 2000 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni;

Ikkonsidrat:

Bil-presenti qed tigi deciza biss l-ewwel eccezzjoni u cioe' li isem is-socjeta attrici hu Jet-Tech Limited filwaqt li l-kambjala li giet esebita tindika isem differenti fil-kitba taghha u ghalhekk ma hemmx l-identita mehtiega;

Mill-kopja tal-kambjala li hemm esibita (fol.6) jirrizulta li l-isem ta minn ghandu jithallas hu indikat bhala JETTECH LTD filwaqt li dinil-kawza qed issir mis-socjeta Jet-Tech Ltd, liema socjeta qed tippretendi li ghandha tircievi l-hlas tas-somma indikata fuq l-imsemmija kambjala;

Fl-isem tas-socjeta fuq il-kambjala hemm sinjal (sink) nieqes bejn iz-zewg kelmiet "Jet" u "Tech". Skond il-konvenuta peress li hemm dan in-nuqqas is-socjeta li qed tghamel il-kawza hi differenti mis-socjeta li ghandha d-dritt li tithallas. Hu minnu li hemm dan in-nuqqas pero' dan hu wiehed minimali u ma jwassalx li jista jinghad li dawn huma zewg socjetajiet differenti. Dan qed jinghad anke in

vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, fosthom li jidher li l-kambjali hi effettivament firmata mill-konvenuta li, jidher ukoll, li kienet taf li kienet qed tobbliga ruhha, meta ghamlet l-istess firma, versu s-socjeta li kienet timpjegha bhala salegirl;

Inoltre mic-certifikat mahrug mir-registratur tas-socjetajiet (dokument A1 - fol.24) jirrizulta li fir-registru tas-socjetajiet ta' Malta ma hemmx registrata socjeta ohra bl-isem "Jet Tech Limited" (minghajr is-sink);

In vista tal-premess din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta ghandha tigi michuda;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u tiddifferixxi l-kawza ghal-kontinwazzjoni ghas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2003;

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

--------------------------------TMIEM--------------------------------